**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Dicembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Darryl Luke Borg**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Sarah K. Bezzina tal-10 ta' Gunju 2022 li bih ghamlet denunzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 21, tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att IV tal-2014 fejn esponiet:

    1. illi bis-sentenza moghtija minn din il-Qorti tal-24 ta' Marzu 2021 hija kienet appuntata ufficjal tal-Probation ta' Darryl Luke Borg, detentur tal-karta tal-identita numru 261086(M) u illi jirrisjedi fil-fond 142, Farina Flat. 1 Triq il-Bwieraq Birkirkara;

    2. illi Darryl Luke Borg naqas milli jzomm il-kuntatt mehtieg mal-Ufficjal tal-Probation u li ghaldaqstant ma setghetx issir is-supervizjoni necessarja;

3. illi l-ikkoncernat ippersista fl-uzu ta' sustanzi illeciti specifikament kokajina hekk kif sostna huwa stess u naqas milli jiehu t-trattament mehtieg sabiex jitrattta l-istess problema ta' droga;

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi ir-rikorrent hassitha fid-dmir li tattira l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghal dan il-fatt, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

3. Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4. Mill-provi jigbura jirrizulta ampjament, li ghal bidu ta' Marzu 2022 – cioe cirka sena wara li d-denunzjat tpogga taht l-ordni ta' Probation – id-denunzjat ma baqax jattendi ghall-appuntamenti mal-Ufficjal tal-Probation, u rega' beda jaghmel jabbuza mill-kokajina, wara li kien ilu iktar minn sena li waqaf jabbuza mid-droga. Dan il-fatt mhux qed jigi kontestat mid-difiza.

5. Pero matul dawn il-proceduri ta' denunzja l-imputat dejjem wera x-xewqa li jgheleb il-vizzju tad-droga, anke jekk kien qed isibha difficli jaghmel dan. Fil-fatt fil-mori ta' dawn il-proceduri, u wara diversi skossi, id-denunzjat irnexxielu jaghmel kambjament sostanzjali f'hajtu, billi minn Jannar 2023 huwa waqaf b'mod konsistenzi milli jabbuza minn sustanzi illeciti. Ghal habta ta' Settembru 2023, id-denunzjat irnexxielu jimpjega ruhu fuq bazi *full-time* u jidher li hu kuntent bix-xoghol tieghu, u f'Ottubru 2023 beda *evening programme* ghar-riabilitazzjoni kontra d-droga, u miexi tajjeb. Dan kollu sehh grazzi ghall-ghajnuna u l-appogg tal-Ufficjal tal-Probation, tal-ufficjali tal-Agenzija Caritas, u ta' omm l-istess denunzjat.

6. Din il-Qorti hija konvinta li dak li sahhah id-determinazzjoni tad-denuzjat li jbiddel hajtu, kienet propju din id-denunzja, u l-biza mill-konsegwenzi li kien se jkun hemm fuqu jekk hu jibqa' jippersisti filli jkompli jabbuza minn sustanzi illeciti. Pero ladarba d-denunzjat wera motivazzjoni genwina li jirriforma ruhu, u ghamel progress sostanzjali f'dan ir-

rigward, il-Qorti hija tal-opinjoni l-isforzi tieghu ghandhom jigu rikonoxxuti, u li kemm l-ordni ta' probation kif ukoll din id-denunzja servew l-iskop taghhom.

7. Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-opinjoni li fic-cirkostanzi, ghalkemm id-denunzjat kiser l-ordni ta' probation, ma jkunx idoneu li din il-Qorti tinfliggi fuq id-denunzjat il-piena – li f'dan il-kaz tista' tkun biss wahda ta' prigunerija effettiva - ghar-reati li huwa instab hati li ikkommetta bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Marzu 2021, ghaliex inkella l-progress sinifikanti li d-denunzjat irregistra f'hajtu jitharbat.

8. Ovvjament din il-Qorti hija obbligata li tinfliggi sanzjoni finanzjarja ghal fatt li d-denunzjat kiser l-ordni ta' probation.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li d-denunzjat kiser l-ordni ta' probation imposta fuqu bis-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta, tal-24 ta' Marzu 2021;

    2. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti qed tikkundanna lid-denunzjat ghall-hlas ta' ammenda ta' mitejn u tletin Euro (€230.00) li ghandha tithallas minnufih, inkella tigi konvertita fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**